# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 786/ 2020 TA**

**Joseph Żammit (ID 685647M)**

**vs**

**L-Avukat Dr. Fransina Abela, u Prokuratur Legali Quentin Tanti bħala kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lil TCB Company Limited (C18107) nominati permezz ta' digriet datat 7 ta' Ottubru 2020 u b'digriet tat-12 ta' Novembru 2020 ġew estromessi l-kuraturi deputati u Raymond Gatt ġie awtorizżat jassumi l-atti tal-kawża bħala likwidatur għan-nom u in rappresentanza ta' TCB Company Limited.**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Raymond Gatt tat-28 ta' April 2022.

Rat ir-risposta tal-konvenuti tal-15 ta' Gunju 2022.

Rat l-atti tal-kawża.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi f'dan l-istadju ma hux kompitu tal-Qorti li jikkonsidra il-fondatezza legali o meno tal-eċċezjoni ulterjuri li qed tintalab li tingħata. Kull ma jrid li jsir hu, li l-

Qorti tara jekk mad-daqqa t'għajn din tistax, anke remotament ikollha xi valur legali ai fini tal-materja li qed tkun ikkunsidrata.

Il-Qorti fid-dawl ta' dan hija tal-fhema li għandha tilqa' t-talba tar-rikors.

Għaldastant qed tilqa' t-talba u tagħti żmien għoxrin (20) ġurnata mill-lum biex tiġi ppreżentata l-eċċezzjoni ulterjuri fuq imsemmija fir-rikors fuq imsemmi.

**Illum 23, ta' Ġunju, 2022**

**Imħallef Toni Abela**